ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 193

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

25 ta' Lulju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 872/2007 ta' l-24 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 873/2007 ta' l-24 ta' Lulju 2007 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 li jistipula regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agromonetarja ta' l-euro fis-settur agrikolu** .................................. 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2007 ta' l-24 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi l-ammont finali ta' l-għajnuna għall-għalf niexef għas-sena tas-suq 2006/2007** ............................ 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 ta' l-24 ta' Lulju 2007 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rigward għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1860/2004** ............................................................ 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 876/2007 ta' l-24 ta' Lulju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2245/2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji wara l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague fir-rigward tar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinni industrijali** (1) .................. 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2007 ta' l-24 ta' Lulju 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) wara l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague fir-rigward tar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinni industrijali** ....................................................................................... 16

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 878/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2007 li temenda u testendi d-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole II)** ................................................................ 18

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2007/522/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/802/KE dwar laħam tal-majjal minn ħnieżer li tlaqqmu b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment fir-Rumanija** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3418)* ([1]) ........................................... 23

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 872/2007

## ta' l-24 ta' Lulju 2007

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | TR | 90,5 |
| | ZZ | 90,5 |
| 0707 00 05 | TR | 116,0 |
| | ZZ | 116,0 |
| 0709 90 70 | TR | 88,2 |
| | ZZ | 88,2 |
| 0805 50 10 | AR | 49,4 |
| | UY | 56,2 |
| | ZA | 66,5 |
| | ZZ | 57,4 |
| 0806 10 10 | BR | 161,0 |
| | EG | 150,8 |
| | MA | 189,3 |
| | TR | 180,5 |
| | ZZ | 170,4 |
| 0808 10 80 | AR | 90,7 |
| | BR | 95,8 |
| | CA | 101,7 |
| | CL | 91,9 |
| | CN | 76,5 |
| | NZ | 99,5 |
| | US | 105,0 |
| | UY | 36,3 |
| | ZA | 100,0 |
| | ZZ | 86,6 |
| 0808 20 50 | AR | 88,2 |
| | CL | 80,8 |
| | NZ | 119,1 |
| | TR | 140,9 |
| | ZA | 112,4 |
| | ZZ | 108,3 |
| 0809 10 00 | TR | 169,5 |
| | ZZ | 169,5 |
| 0809 20 95 | CA | 324,1 |
| | TR | 282,6 |
| | US | 286,5 |
| | ZZ | 297,7 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 157,0 |
| | ZZ | 157,0 |
| 0809 40 05 | IL | 73,6 |
| | ZZ | 73,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 873/2007

## ta' l-24 ta' Lulju 2007

## li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 li jistipula regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agromonetarja ta' l-euro fis-settur agrikolu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Seħħ żball fl-abbozzar ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 [2] fir-rigward taddeterminazzjoni ta' l-avveniment operattiv għall-għajnuna li tingħata għall-provvista ta' ċerti prodotti mill-ħalib stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2707/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 li jipprovdi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-għajnuna Komunitarja għall-provvista tal-ħalib u ċerti prodotti mill-ħalib lit-tfal ta' l-iskola f'ċerti stabbilimenti ta' l-edukazzjoni [3]. Huwa xieraq li dan l-iżball jissewwa sabiex tiġi evitata kwalunkwe interpretazzjoni qarrieqa.

(2) Il-kliem fl-Artikolu 11(c) tar-Regolament (KE) Nru 1913/2006 jidher li m'għadux jgħodd ma' l-Artikolu 6. Għall-finijiet taċ-ċarezza, il-kliem "li fih l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju huwa l-1 ta' Ottubru" [traduzzjoni mhux uffiċjali] għandu jitħassar minn dik id-dispożizzjoni.

(3) Il-proċedura ta' kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2825/93 tal-15 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi ċerti regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 f'dak li jirrigwarda l-iffissar u l-għotjiet ta' rifużjonijiet aġġustati fir-rigward taċ-ċereali esportati taħt forma ta' ċerti spirti tax-xorb [4] u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 562/2000 tal-15 ta' Marzu 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga [5], kienet iffinalizzata qabel ma ġie adottat u ppubblikat ir-Regolament (KE) Nru 1913/2006. Ir-Regolamenti (KEE) Nru 2825/93 u (KE) Nru 562/2000 tħassru u nbidlu mit-30 ta' Novembru 2006 rispettivament mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2006 (il-verżjoni kodifikata) [6] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1669/2006 (il-verżjoni kodifikata) [7]. Ir-referenzi għar-Regolament (KEE) Nru 2825/93 u r-Regolament (KE) Nru 562/2000 huma għaldaqstant skaduti u għalhekk għandhom jiġu kkoreġuti fir-Regolament (KE) Nru 1913/2006.

(4) L-emendar u l-korrezzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw mill-istess data bħar-Regolament emendat.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 għandu għalhekk jkun emendat u ikkoreġut kif jixraq.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitati ta' Ġestjoni rilevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Għall-għajnuna li tingħata għal provvista ta' ċerti prodotti mill-ħalib lit-tfal ta' l-iskola msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2707/2000, l-avveniment operattiv għall-kambju tar-rata għandu jkun l-ewwel jum tal-perjodu li miegħu tirrelata l-applikazzjoni tal-ħlas msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament."

(2) Fl-Artikolu 11, il-punt (c) jinbidel bit-test li ġej:

"(c) għall-prezz minimu tal-pitravi msemmi fl-Artikolu 6, ir-rata medja stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għax-xahar ta' qabel l-avveniment operattiv."

(1) ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.
(2) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52
(3) ĠU L 311, 12.12.2000, p. 37. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 704/2007 (ĠU L 161, 22.6.2007, p. 31).
(4) ĠU L 258, 16.10.1993, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006.
(5) ĠU L 68, 16.3.2000, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006.
(6) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 33
(7) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 6

(3) L-Artikolu 18 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 18*

**Emendar tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006**

L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jinbidel b'dan li ġej:

'2. Ir-rata tar-rifużjoni se tkun dik li tkun tapplika fil-ġurnata li fiha ċ-ċereali jitpoġġew taħt kontroll. Madankollu, fir-rigward tal-kwantitajiet iddistillati f'kull wieħed mill-perjodi fiskali ta' distillazzjoni wara dak li fih ikun tqiegħed taħt kontroll, ir-rata għandha tkun dik li tkun tapplika fl-ewwel ġurnata ta' kull perjodu ta' distillazzjoni kkonċernat.

L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju li tkun tapplika għar-rifużjoni għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (*).

(*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.' "

(4) L-Artikolu 21 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

**Emendar tar-Regolament (KE) Nru 1669/2006**

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1669/2006 jinbidel b'dan li ġej:

'*Artikolu 16*

**Ir-rata ta' kambju**

L-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju applikabbli għall-ammont u għall-prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u għas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 9 għandhom ikunu dawk imsemmija f'punt (a) ta' l-Artikolu 8 u fl-Artikolu 10 rispettivament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (*).

(*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.' "

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 874/2007

## ta' l-24 ta' Lulju 2007

## li jistabbilixxi l-ammont finali ta' l-għajnuna għall-għalf niexef għas-sena tas-suq 2006/2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef ([1]), u partikolarment l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1786/2003, bl-Artikolu 4(2) tiegħu, jistabbilixxi l-ammont ta' l-għajnuna li għandha titħallas lill-impriżi ta' l-ipproċessar ta' l-għalf niexef, fil-limitu tal-kwantità massima ggarantita li jingħata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament imsemmi.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 33(1), l-ewwel inċiż, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2005 tas-7 ta' Marzu 2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef ([2]), l-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' għalf niexef li għalihom tressqu applikazzjonijiet għall-għajnuna għas-sena tas-suq 2006/2007. Minn dawn il-komunikazzjonijiet jirriżulta li ma nqabżitx il-kwantità massima ggarantita għall-għalf niexef.

(3) L-ammont ta' l-għajnuna għall-għalf niexef għaldaqstant jitla' għal EUR 33 it-tunnellata, skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sena tas-suq 2006/2007, l-ammont finali ta' l-għajnuna għall-għalf niexef huwa stabbilit għal EUR 33 it-tunnellata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2007

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 114. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 456/2006 (ĠU L 82, 21.3.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 61, 8.3.2005, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 116/2007 (ĠU L 35, 8.2.2007, p. 7).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 875/2007

## ta' l-24 ta' Lulju 2007

## dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rigward għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1860/2004

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ([2]),

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 lill-Kummissjoni jagħtiha s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' regolament, massimu li taħtu l-miżuri ta' għajnuna jitqiesu li ma jkunux jilħqu l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għalhekk ma jkunux jaqgħu taħt il-proċedura ta' notifika stipulata fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

(2) Abbażi ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 69/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar it-tħaddim ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna *de minimis* ([3]), li tistabbilixxi massimu ta' EUR 100 000 għal kull benefiċjarju matul perjodu ta' tliet snin. Oriġinarjament, dak ir-Regolament ma kienx japplika għas-setturi ta' l-agrikoltura, is-sajd, l-akkwakultura u t-trasport, fid-dawl tar-regoli speċjali li japplikaw f'dawk is-setturi.

(3) Fir-rigward tas-settur ta' l-agrikoltura u s-sajd, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1860/2004 tas-6 ta' Ottubru 2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna *de minimis* fis-settur ta' l-agrikoltura u s-sajd ([4]) (traduzzjoni mhux uffiċjali) stabilixxa limitu speċifiku ta' EUR 3 000 għal kull benefiċjarju għal kull perjodu ta' tliet snin li għandu japplika għal dawk is-setturi, peress li fid-dawl ta' l-esperjenza li kisbet il-Kummissjoni, seta' jiġi affermat li livelli baxxi ħafna ta' għajnuna mogħtija f'dawk is-setturi ma jilħqux il-kriterji ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, jekk kemm-il darba jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Dan huwa l-każ meta kemm l-ammont ta' għajnuna li jirċievu l-produtturi individwali jibqa' baxx, kif ukoll il-livell totali ta' għajnuna mogħtija lil dawn is-setturi ma jaqbiżx perċentwal żgħir tal-valur ta' produzzjoni.

(4) Minħabba ċirkostanzi ekonomiċi li nbidlu, u fid-dawl ta' l-esperjenza li nkisbet fl-applikazzjoni tar-regoli ġenerali eżistenti *de minimis*, tqies li huwa meħtieġ li dawk ir-regoli jinbidlu. Għalhekk, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006 tat-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna *de minimis* ([5]) (traduzzjoni mhux uffiċjali). Dak ir-regolament issostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 69/2001, għolla l-limitu *de minimis* ġenerali minn EUR 100 000 għal EUR 200 000, firex l-applikazzjoni tiegħu għas-settur ta' l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli u introduċa limitu *de minimis* ġdid ta' EUR 100 000 ta' għajnuna mill-Istat għas-settur tat-trasport bit-triq.

(5) L-esperjenza reċenti fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd, u partikolarment il-limitu *de minimis* stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 kif ukoll il-Linji ta' Gwida għall-eżami ta' l-għajnuna mill-Istat għas-sajd u l-akkwakultura ([6]) wrew li r-riskju ta' tagħwiġ tal-kompetizzjoni minn għajnuna *de minimis* huwa fil-fatt aktar baxx milli kien previst fl-2004.

(6) Fid-dawl ta' l-esperjenza li kisbet il-Kummissjoni, l-għajnuna lill-impriżi fis-settur tas-sajd li ma taqbiżx it-EUR 30 000 kull benefiċjarju matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin tista' titqies li ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew ma tgħawwiġx jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni meta l-ammont totali ta' għajnuna bħal din mogħtija lill-impriżi kollha fis-settur tas-sajd matul tliet snin taqa' taħt il-limitu ta' madwar 2,5 % tal-produzzjoni annwali mis-sajd. Huwa għalhekk xieraq li ngħidu li għajnuna bħal din ma taqax taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Is-snin li wieħed għandu jikkonsidra għal dan il-għan huma s-snin fiskali kif użati għal skopijiet fiskali fl-Istat Membru kkonċernat. Il-perjodu rilevanti ta' tliet snin għandu jiġi vvalutat regolarment, u għalhekk jeħtieġ li għal kull għotja ġdida ta' għajnuna *de minimis*, jiġi determinat l-ammont totali ta' għajnuna bħal din fis-sena fiskali kkonċernata, kif ukoll dak ta' matul is-sentejn fiskali ta' qabel.

(7) Għajnuniet oħra mogħtija mill-Istati Membri ukoll għandhom jitqiesu f'konċessjonijiet ta' għajnuna *de minimis*.

(8) M'għandux ikun possibbli li miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jaqbżu l-limitu *de minimis* jinqasmu f'għadd ta' partijiet iżgħar biex dawn il-partijiet jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.
([2]) ĠU C 276, 14.11.2006, p. 7.
([3]) ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30.
([4]) ĠU L 325, 28.10.2004, p. 4.
([5]) ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.
([6]) ĠU C 229, 14.9.2004, p. 5.

(9) F'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-għajnuna li taqa' taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, għajnuna *de minimis* titqies li tkun ingħatat fil-mument li d-dritt legali li tintlaqa' din l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarju taħt ir-reġim nazzjonali applikabbli.

(10) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej stabbiliet li, ladarba l-Komunità tkun illeġiżlat għat-twaqqif ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'settur partikolari ta' l-agrikoltura, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li ma jieħdu l-ebda miżura li tista' timminah jew li toħloq eċċezzjonijiet għalih ([1]). Dan il-prinċipju japplika wkoll fis-settur tas-sajd. Għal din ir-raġuni, dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-għajnuna, li l-ammont tagħha huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq.

(11) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-għajnuna *de minimis* li tiffavorixxi prodotti nazzjonali fuq dawk importati. Barra minn hekk, dan ir-Regolament, m'għandux japplika għal għajnuna li tiffinanzja t-twaqqif u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni f'pajjiżi oħra. Għajnuna għall-ispejjeż ta' parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali, jew ta' studji jew servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid normalment ma titqiesx li hija għajnuna għall-esportazzjoni.

(12) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal impriżi li jkunu f'diffikultà fl-ambitu tat-tifsira tal-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà ([2]), fid-dawl tad-diffikultajiet marbuta mad-determinar ta' l-ewkivalenti ta' l-għotja grossa li tingħata lil dan it-tip ta' impriżi.

(13) Wara li jitqiesu l-għanijiet tal-politika komuni dwar is-sajd, l-għajnuna li sservi biex tiżdied il-kapaċità għas-sajd u għajnuna mogħtija għall-bini jew ix-xiri ta' bastimenti tas-sajd m'għandhiex taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, ħlief għal għajnuna għall-immodernizzar 'il fuq mill-gverta, kif jissemma fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([3]).

([1]) Il-Kawża C-113/2000 Spanja v/il-Kummissjoni, [2002] ECR 2002 I-7601, punt 73.
([2]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.
([3]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

(14) Għall-finijiet tat-trasparenza, it-trattament indaqs u l-applikazzjoni korretta tal-limitu *de minimis*, huwa xieraq li l-Istati Membri japplikaw l-istess metodu ta' kalkolu. Biex dan il-kalkolu jitħaffef u jkun skond skond ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006, huwa xieraq li l-ammonti ta' l-għajnuna li ma jkunux taħt forma ta' għotja ta' flus ikunu konvertiti fl-ekwivalenti tagħhom bħala għotja grossa. Fil-kalkolu ta' l-għotja ekwivalenti għal tipi trasparenti ta' għajnuna barra minn għotjiet jew għajnuna li jkunu mħallsa bin-nifs, jeħtieġ li jintużaw ir-rati ta' mgħax prevalenti fis-suq fil-mument li tingħata din l-għajnuna. Għall-finijiet ta' applikazzjoni uniformi, trasparenti u sempliċi tar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat, ir-rati tas-suq għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala r-rata ta' referenza ffissata perjodikament mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* jew fuq l-Internet. Madankollu, jista' jkun meħtieġ li jiżdiedu punti bażiċi addizzjonali fuq ir-rata bażika minħabba s-sigurtajiet pprovduti jew ir-riskju assoċjat mal-benefiċjarju.

(15) Għall-finijiet tat-trasparenza, it-trattament ugwali u l-monitoraġġ effettiv, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna *de minimis* li tkun trasparenti. L-għajnuna trasparenti hija għajnuna li għaliha jkun possibbli li tiġi kkalkulata bi preċiżjoni l-għotja grossa ekwivalenti *ex ante* mingħajr il-ħtieġa li ssir analiżi tar-riskju. Kalkolu preċiż bħal dan jista', pereżempju, isir fir-rigward ta' għotjiet, sussidji fuq ir-rati ta' interess u eżenzjonijiet limitati tat-taxxa. L-għajnuna inkluża f'injezzjonijiet tal-kapital ma għandhiex titqies bħala għajnuna *de minimis* trasparenti, sakemm l-ammont totali ta' injezzjoni mill-fondi pubbliċi ma tkunx inqas mil-limitu *de minimis*. L-għajnuna inkluża fil-miżuri tal-kapital ta' riskju msemmija fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trawwim ta' l-investimenti f'kapital ta' riskju f'impriżi żgħar u ta' daqs medju ([4]), m'għandhiex titqies bħala għajnuna *de minimis* trasparenti sakemm l-iskema ta' kapital ta' riskju kkonċernata tipprovdi kapital biss sal-limitu *de minimis* għal kull impriża fil-mira. L-għajnuna inkluża f'self għandha titqies bħala għajnuna *de minimis* trasparenti meta l-għotja grossa ekwivalenti tkun ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tar-rati ta' interess prevalenti fis-suq fil-mument li ssir l-għotja.

(16) Dan ir-Regolament ma jeskludix il-possibbiltà li miżura, adottata minn Stat Membru, tista' ma titqiesx bħala għajnuna mill-Istat fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat abbażi ta' raġunijiet oħra barra minn dawk imsemmija f'dan ir-Regolament, pereżempju, fil-każ ta' injezzjonijiet ta' kapital, minħabba li miżura bħal din ġiet deċiża f'konformità mal-prinċipju ta' investitur fis-suq.

([4]) ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2.

(17) Huwa neċessarju li tiġi pprovduta ċertezza ġuridika għal skemi ta' garanzija li ma għandhomx il-potenzjal li jaffettwaw il-kummerċ u jgħawġu l-kompetizzjoni u li dwarhom hemm biżżejjed *data* biex jiġu vvalutati b'mod affidabbli kwalunkwe effetti potenzjali. Dan ir-Regolament għalhekk għandu jittrasponi l-limitu ġenerali *de minimis* ta' EUR 30 000 għal kull benefiċjarju għal limitu speċifiku skond il-garanzija li jkun ibbażat fuq l-ammont totali garantit tas-self individwali li fuqu tkun ibbażata garanzija bħal din. Huwa xieraq li jiġi kkalkulat dan il-limitu speċifiku billi tintuża metodoloġija għall-analiżi ta' l-ammont ta' għajnuna Statali inkluż fl-iskemi ta' garanzija li jkopru s-self favur impriżi vijabbli. Il-metodoloġija u d-*data* użati għal kalkolu ta' dan il-limitu speċifiku ta' garanzija għandhom jeskludu impriżi f'diffikultà kif imsemmi fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istati għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà. Dan il-limitu speċifiku għalhekk m'għandux japplika għall-għajnuna *ad hoc* individwali, mogħtija barra mill-ambitu ta' l-iskema ta' garanzija, għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi f'diffikultà, jew għal garanziji għal tranżazzjonijiet ta' sfond li ma jikkostitwixxux self, pereżempju garanziji fuq tranżazzjonijiet ta' ishma. Il-limitu speċifiku għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-fatt li meta wieħed iqis ir-rata massima (*net default rate*) ta' 13 %, li tirrappreżenta l-agħar xenarju possibbli għal skemi ta' garanzija fil-Komunità, garanzija ekwivalenti għal EUR 225 000 tista' titqies li għandha ekwivalenza ta' l-għotja grossa identika għal-limitu ġenerali *de minimis* stabbilit f'dan ir-Regolament. Huma biss garanziji li jkopru sa 80 % tas-self fl-isfond li għandhom ikunu koperti b'dan il-limitu speċifiku

(18) Il-Kummissjoni għandha d-dmir li tiżgura li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jiġu rispettati, u b'mod partikolari li l-għajnuna li tingħata skond ir-regoli *de minimis* tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħhom. Skond l-Artikolu 10 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kisba ta' dan il-kompitu billi jistabbilixxu l-mekkaniżmu meħtieġ biex jiġi żgurat li l-ammont totali ta' l-għajnuna, mogħtija skond ir-regoli *de minimis*, ma jaqbiżx il-limitu ta' EUR 30 000 għal kull benefiċjarju jew il-limitu kumplessiv stabbilit mill-Kummissjoni abbażi tal-valur tal-produzzjoni mis-sajd għal kull Stat Membru matul perjodu ta' tliet snin fiskali. Għal dak il-għan, huwa xieraq li meta l-Istati membri jagħtu għajnuna *de minimis*, huma għandhom jinfurmaw lill-impriża kkonċernata bl-ammont ta' l-għajnuna u l-karattru *de minimis* tagħha, billi jirreferu għal dan ir-Regolament. Barra minn hekk, qabel l-għoti ta' għajnuna bħal din, l-Istat Membru għandu jikseb mingħand l-impriża dikjarazzjoni dwar għajnuna oħra *de minimis* li ngħatat matul is-sena fiskali kkonċernata u s-sentejn fiskali ta' qabel, u jivverifika bir-reqqa li l-limitu *de minimis* ma jinqabiżx mill-għajnuna *de minimis* il-ġdida. Alternattivament, il-konformità mal-limiti massimi tista' wkoll tiġi żgurata permezz ta' reġistru ċentrali.

(19) Għal raġunijiet ta' ċarezza u peress li l-limitu għal għajnuna *de minimis* għas-settur tas-sajd b'hekk huwa differenti mil-limitu għal għajnuna *de minimis* għas-settur ta' l-agrikoltura, regolament speċifiku applikabbli biss għas-settur tas-sajd għandu jiġi adottat u r-Regolament (KE) Nru 1860/2004 għandu jiġi emendat kif jixraq.

(20) Fid-dawl ta' l-esperjenza tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-frekwenza li biha huwa ġeneralment meħtieġ li tiġi riveduta l-politika ta' l-għajnuna mill-Istat, u b'mod partikolari billi jitqies il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 1998/2006 u Nru 1860/2004, huwa xieraq li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun limitat sal-31 ta' Diċembru 2013. F'każ li dan ir-Regolament jiskadi mingħajr ma jiġi estiż, l-Istati Membri għandu jkollhom perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna *de minimis* koperta minnu. Għall-finijiet taċ-ċertezza ġuridika, huwa xieraq li jiġi ċċarat l-effett tar-Regolament fuq l-għajnuna li tingħata qabel ma jkun daħal fis-seħħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Ambitu**

Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lil impriżi fis-settur tas-sajd, ħlief għal:

(a) għajnuna, li l-ammont tagħha huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq;

(b) għajnuna għal attivitajiet relatati ma' l-esportazzjoni, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati, għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew infiq kurrenti ieħor marbut ma' l-attività ta' l-esportazzjoni;

(c) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti nazzjonali fuq dawk importati;

(d) għajnuna biex tiżdied il-kapaċità tas-sajd, espressa f'termini ta' tunnellati jew qawwa, kif definiti fl-Artikolu 3(n) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 sakemm ma tikkonċernax għajnuna għall-immodernizzar 'il fuq mill-gverta kif jissemma fl-Artikolu 11(5) ta' dak ir-Regolament;

(e) għajnuna għax-xiri jew il-bini ta' bastimenti tas-sajd;

(f) għajnuna mogħtija lill-impriżi f'diffikultà.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "impriżi fis-settur tas-sajd" tfisser impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd;

(b) "prodotti tas-sajd" tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 [1];

[1] ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

(c) "proċessar u tqegħid fis-suq" tfisser l-operazzjonijiet kollha, li jinkludu l-manipulazzjoni, t-trattament, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni li jsiru bejn il-ħin tal-ħatt l-art jew il-qbid u l-istadju tal-prodott aħħari.

*Artikolu 3*

**Għajnuna *de minimis***

1. Miżuri ta' għajnuna għandhom jitqiesu li ma jilħqux il-kriterji ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għandhom għalhekk ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat, jekk dawn ikunu jilħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna totali *de minimis* mogħtija lil kwalunkwe impriża waħda m'għandhiex taqbeż EUR 30 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Il-limitu għandu japplika irrispettivament mill-forma ta' l-għajnuna jew l-għan aħħari. Il-perjodu għandu jiġi determinat b'referenza għas-snin fiskali li jintużaw fl-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta ammont totali ta' għajnuna jaqbeż dan il-limitu, dak l-ammont ta' għajnuna ma jistax jibbenefika minn dan ir-Regolament, anki għal frazzjoni li ma taqbiżx dak il-limitu. F'każ bħal dan, il-benefiċċju ta' dan ir-Regolament ma jistax jintalab għal din il-miżura ta' għajnuna, la fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna, u lanqas f'xi żmien ieħor suċċessiv.

4. L-għajnuna totali *de minimis* mogħtija b'hekk lil impriżi diversi fis-settur tas-sajd m'għandhiex taqbeż il-valuri previsti għall-Istati Membri, kif jidhru mqassma fl-Anness matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

5. Il-limiti fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu espressi bħala għotja ta' flus. Iċ-ċifri kollha użati għandhom ikunu grossi, jiġifieri, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ta' tariffa oħra. Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra barra minn għotja, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti ta' l-għajnuna bħala għotja grossa.

6. Għajnuna li titħallas f'diversi ħlasijiet għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument ta' l-għotja. Ir-rata ta' l-imgħax li għandha tintuża għalskopijiet ta' skont u biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti gross għandha tkun ir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument ta' l-għotja.

7. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna li għaliha huwa possibbli li jsir kalkolu preċiż tal-għotja grossa ekwivalenti ta' l-għajnuna *ex ante* mingħajr il-bżonn ta' analiżi ta' riskju ("għajnuna trasparenti"). B'mod partikolari:

(a) L-għajnuna inkluża f'self għandha titqies bħala għajnuna *de minimis* trasparenti meta l-għotja grossa ekwivalenti tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' rati ta' interess tas-suq li jintużaw fil-mument li tkun ingħatat l-għajnuna.

(b) L-għajnuna inkluża f'injezzjonijiet ta' kapital m'għandhiex tkun ikkunsidrata għajnuna *de minimis* trasparenti, sakemm l-ammont totali ta' injezzjoni mill-fondi pubbliċi ma jaqbiżx il-limitu *de minimis.*

(c) L-għajnuna inkluża fil-miżuri ta' kapital ta' riskju m'għandhiex titqies bħala għajnuna *de minimis* trasparenti, sakemm l-iskema ta' kapital ta' riskju kkonċernata tipprovdi kapital biss sal-limitu *de minimis* għal kull impriża fil-mira.

(d) L-għajnuna inkluża f'injezzjonijiet ta' kapital m'għandhiex tkun ikkunsidrata għajnuna *de minimis* trasparenti, sakemm l-ammont totali ta' avvanzi li għandhom jitħallsu lura jaqbeż il-limitu applikabbli skond dan ir-Regolament.

(e) Għajnuna individwali mogħtija taħt skema ta' garanzija lill-impriżi li mhumiex impriżi f'diffikultà għandha titqies bħala għajnuna *de minimis* meta l-parti garantita tas-self fl-isfond ipprovdut taħt skema bħal din ma taqbiżx EUR 225 000 għal kull impriża. Jekk il-parti garantita tas-self tal-garanzija tapplika biss għal parti mogħtija ta' dan il-limitu, l-ammont ta' l-għajnuna bħala għotja grossa ta' dik il-garanzija għandu jkun l-ekwivalenti għalistess proporzjon tal-limitu applikabbli stipulat fil-paragrafu 2. Il-garanzija ma għandhiex tkun aktar minn 80 % tas-self ta' l-isfond.

8. L-għajnuna *de minimis* ma għandhiex tiġi akkumulata ma' l-għajnuna ta' l-Istat fir-rigward ta' l-istess spejjeż eliġibbli jekk din l-akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna li taqbeż dak iffissat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ f'regolament għall-eżenzjoni ġenerali jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

**Monitoraġġ**

1. Meta Stat Membru jagħti għajnuna *de minimis* lil impriża, għandu jinforma lil dik l-impriża bil-miktub dwar l-ammont ta' l-għajnuna espressa bħala ekwivalenti gross u dwar in-natura *de minimis* tagħha, billi jagħmel referenza diretta għal dan ir-Regolament, u billi jikkwota t-titolu tiegħu u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Meta l-għajnuna *de minimis* tingħata lil impriżi differenti fuq il-bażi ta' l-iskema u ammonti differenti ta' għajnuna individwali jingħataw lil dawk il-impriżi fl-iskema, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħżel li jonora dak l-obbligu billi jinforma lil-impriżi dwar is-somma fissa li tikkorrispondi ma' l-ammont massimu ta' għajnuna li ser tingħata fl-iskema. F'każ bħal dan, is-somma fissa għandha tintuża biex jiġi determinat kwalunkwe wieħed mil-limiti previsti fil-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 3 jintlaħqux. L-Istat Membru għandu wkoll jikseb, qabel l-għoti ta' l-għajnuna, mill-impriża kkonċernata dikjarazzjoni bil-miktub jew f'forma elettronika dwar kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li tkun irċeviet matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali kurrenti.

2. L-Istat Membru għandu jagħti l-għajnuna *de minimis* il-ġdida biss wara li jkun ivverifika li din ma tkunx se tgħolli l-ammont totali ta’ għajnuna *de minimis* miksub mill-impriża matul il-perjodu li jkopri s-sena fiskali kkonċernata, kif ukoll is-sentejn fiskali preċedenti f’dak l-Istat Membru għal livell ’il fuq mil-limiti stipulati fl-Artikolu 3(2) u (4).

3. Meta Stat Membru jkun stabbilixxa reġistru ċentrali ta’ għajnuna *de minimis* li jkun fih informazzjoni sħiħa dwar l-għajnuna kollha *de minimis* mogħtija minn kwalunkwe awtorità fi ħdan dak l-Istat Membru, il-paragrafu 1 ma jibqax japplika mill-mument li r-reġistru jkun ikopri perjodu ta’ tliet snin fiskali.

4. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jiġbru l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament. Dawn ir-reġistri għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintwera li l-kundizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ikunu ġew osservati. Ir-reġistri dwar għajnuna *de minimis* individwali għandha tinżamm għal 10 snin fiskali mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna. Ir-reġistri fir-rigward ta’ skema ta’ għajnuna għandhom jinżammu għal perjodu ta’ 10 snin mid-data li fiha kienet ingħatat l-aħħar għajnuna individwali taħt dik l-iskema. Fuq talba bil-miktub, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, f’perjodu ta’ 20 jum ta’ xogħol, jew kwalunkwe perjodu itwal li jiġi ffissat fit-talba, l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ikunux ġew imħarsa, b’mod partikolari fejn għandu x’jaqsam l-ammont totali ta’ għajnuna *de minimis* miksuba minn kwalunkwe impriża u mis-settur tas-sajd ta’ l-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1 sa 3 u, jekk ikun xieraq, fl-Artikolu 4. Kull għajnuna li ma tikkonformax ma’ dawn il-kundizzjonijiet għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni skond l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

2. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* mogħtija bejn l-1 ta’ Jannar 2005 u sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament li tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 bħala applikabbli għas-settur tas-sajd sad-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, għandha titqies li ma tissodisfax il-kriterji kollha ta’ l-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għandha għalhekk tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika kif stipulat fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

3. Fi tmiem il-perjodu ta’ validità ta’ dan ir-Regolament, kwalunkwe għajnuna *de minimis* li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament tista’ tkun implimentata b’mod validu għal perjodu ta’ sitt xhur.

*Artikolu 6*

**Emendi**

Ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) Fit-titolu, il-kliem “u s-setturi tas-sajd” għandhom jinbidlu b’ “settur”.

(b) Fl-Artikolu 1, il-kliem “is-setturi ta’ l-agrikoltura jew tas-sajd” għandhom jinbidlu bis-“settur ta’ l-agrikoltura”.

(c) Fl-Artikolu 2:

(i) fil-punt (2) il-kliem “minbarra prodotti tas-sajd kif definiti fil-punt (5)” għandhom jinbidlu b’“minbarra prodotti tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000”;

(ii) il-punti 4, 5 u 6 jitħassru.

(d) Fl-Artikolu 3(2), għandu jitħassar it-tieni subparagrafu.

(e) Fl-Artikolu 4(2), il-kliem “u s-sajd, rispettivament” għandhom jitħassru.

(f) Fit-tieni subparagrafu ta’ l-Artikolu 4(3), il-kliem “jew sajd” għandhom jitħassru.

(g) L-Anness II huwa mħassar.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ u applikabilità**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Jiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Ammonti kumulattivi tas-sajd skond l-Istat Membru, kif jissemma fl-Artikolu 3(4)**

*(EUR)*

| | |
|---|---|
| BE | 11 800 000 |
| DK | 433 000 |
| DE | 1 008 000 |
| EL | 57 650 000 |
| ES | 48 950 000 |
| FR | 3 718 000 |
| IE | 8 508 000 |
| IT | 18 015 000 |
| LU | 127 880 000 |
| NL | 138 550 000 |
| AT | 94 325 000 |
| PT | 1 562 000 |
| FI | 3 923 000 |
| SE | 5 233 000 |
| UK | 0 |
| CZ | 740 000 |
| EE | 255 000 |
| CY | 35 875 000 |
| LV | 620 000 |
| LT | 21 125 000 |
| HU | 15 688 000 |
| MT | 524 000 |
| PL | 338 000 |
| SI | 1 133 000 |
| SK | 7 075 000 |
| BG | 11 153 000 |
| RO | 102 725 000 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 876/2007

## ta' l-24 ta' Lulju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2245/2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji wara l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague fir-rigward tar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinni industrijali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinni Komunitarji ([1]), u partikolarment l-Artikolu 107 (3) tagħha,

Billi:

(1) Wara l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague fir-rigward tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali ta' Disinni Industrijali adottat fit-2 ta' Lulju 1999 approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/954/KE ([2]) u l-emendi tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 marbuta ma' dan, jeħtieġ li jiġu adottati ċerti miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni.

(2) Għalhekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/2002 tal-21 ta' Ottubru 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar disinji Komunitarji ([3]) għandu jiġi emendat skond dan.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2245/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu 11a kif ġej:

"*Artikolu 11a*

**Eżami tar-raġunijiet għar-rifjut**

1. Fejn, skond l-Artikolu 106e(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, l-Uffiċċju jsib, waqt li jkun qed jeżamina reġistrazzjoni internazzjonali li d-disinn li qed titfittex il-protezzjoni għalih ma jikkorrispondix mad-definizzjoni ta' disinn prevista fl-Artikolu 3(a) ta' dak ir-Regolament (jew li d-disinn imur kuntrarju għall-politika pubblika jew għall-prinċipji aċċettati ta' moralità, għandu jibgħat avviż ta' rifjut lill-Bureau Internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (minn hawn 'il quddiem 'il-Bureau Internazzjonali') mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali, li jispeċifika r-raġunijiet għar-rifjut skond l-Artikolu 12(2) ta' l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague fir-rigward tar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinni industrijali adottat fit-2 ta' Lulju 1999 (minn hawn 'il quddiem 'l-Att ta' Ġinevra') approvat bid-Deċiżjoni 2006/954/KE (*).

2. L-Uffiċċju għandu jispeċifika limitu ta' żmien sabiex id-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali jkollu l-possibilità, skond l-Artikolu 106e(2) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, li jirrinunzja r-reġistrazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-Komunità, biex jillimita r-reġistrazzjoni internazzjonali għal wieħed jew xi wħud mid-disinni industrijali fir-rigward tal-Komunità jew biex iressaq osservazzjonijiet.

3. Meta d-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali huwa obbligat li jiġi rrappreżentat fil-proċeduri quddiem l-Uffiċċju skond l-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, in-notifika għandha jkollha referenza għall-obbligu tad-detentur biex jaħtar rappreżentant kif imsemmi fl-Artikolu 78(1) ta' dak ir-Regolament.

Il-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika *mutatis mutandis.*

4. Jekk id-detentur jonqos milli jaħtar rappreżentant fil-limitu ta' żmien speċifikat, l-Uffiċċju għandu jirrifjuta l-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

5. Meta d-detentur iressaq osservazzjonijiet li għandhom jissodisfaw l-Uffiċċju fil-limitu ta' żmien speċifikat, l-Uffiċċju għandu jirtira r-rifjut u jinnotifika l-Bureau Internazzjonali skond l-Artikolu 12(4) ta' l-Att ta' Ġinevra.

Fejn, skond l-Artikolu 12(2) ta' l-Att ta' Ġinevra, id-detentur ma jressaqx l-osservazzjonijiet li jissodisfaw l-Uffiċċju fil-limitu ta' żmien speċifikat, l-uffiċċju għandu jikkonferma d-deċiżjoni li tirrifjuta l-protezzjoni għar-reġistrazzjoni internazzjonali. Dik id-deċiżjoni hija suġġetta għal appell skond it-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 6/2002;

([1]) ĠU L 3, 5.1.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1891/2006 (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 14).
([2]) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 28.
([3]) ĠU L 341, 17.12.2002, p. 28.

6. Meta d-detentur jirrinunzja r-reġistrazzjoni internazzjonali, jew jillimita r-reġistrazzjoni internazzjonali għal wieħed jew xi whud mid-disinji industrijali fir-rigward tal-Komunità, għandu jinforma l-Bureau Internazzjonali permezz ta' proċedura ta' reġistrar skond l-Artikolu 16(1)(iv) u (v) ta' l-Att ta' Ġinevra. Id-detentur jista' jinforma l-Uffiċċju billi jressaq dikjarazzjoni korrispondenti.

(*) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 28";

(2) L-Artikolu 22 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

**It-tiġdid tar-reġistrazzjoni tad-disinni Komunitarji**

1. Applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni għandha tinkludi:

(a) l-isem tal-persuna li qed titlob it-tiġdid;

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni;

(c) fejn japplika, indikazzjoni li t-tiġdid intalab għad-disinni kollha koperti minn reġistrazzjoni multipla jew, jekk it-tiġdid ma ntalabx għad-disinni kollha bħal dawn, indikazzjoni ta' dawk id-disinni li għalihom qed jintalab it-tiġdid.

2. Id-drittijiet pagabbli skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 għat-tiġdid ta' reġistrazzjoni għandha tikkonsisti fi:

(a) dritt għat-tiġdid, li, f'każijiet fejn bosta disinni huma koperti minn reġistrazzjoni multipla, għandha tkun proporzjonali għall-għadd ta' disinni koperti bit-tiġdid;

(b) fejn japplika, id-dritt addizzjonali għall-ħlas tard tad-dritt tat-tiġdid jew għat-tressiq tard tat-talba għat-tiġdid, skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 2246/2002.

3. Jekk il-ħlas imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2246/2002, dan għandu jitqies li jikkostitwixxi talba għat-tiġdid sakemm jinkludi l-indikazzjonijiet kollha mitluba skond il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament.

4. Fejn l-applikazzjoni għat-tiġdid titressaq fil-limiti ta' żmien previsti fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, iżda l-kundizzjonijiet l-oħra għat-tiġdid previsti fl-Artikolu 13 tagħha u f'dan ir-Regolament mhumiex sodisfatti, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-applikant dwar in-nuqqasijiet.

5. Meta applikazzjoni għal tiġdid titressaq wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien previst fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, jew jekk d-drittijiet ma jitħallsux jew jitħallsu biss wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien rilevanti, jew jekk ma jinstabx rimedju għan-nuqqasijiet fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-Uffiċċju, l-Uffiċċju għandu jiddetermina li r-reġistrazzjoni skadiet u għandu javża d-detentur b'dan.

Fil-każ ta' reġistrazzjoni multipla, fejn id-drittijiet imħallsa mhumiex biżżejjed biex ikopru d-disinni kollha li għalihom jintalab it-tiġdid, determinazzjoni bħal din issir biss wara li l-Uffiċċju jkun stabbilixxa liema disinni huma koperti mill-ammont imħallas.

Fin-nuqqas ta' kriterji oħra li jistabbilixxu liema disinni huma maħsuba li jkunu koperti, l-Uffiċċju għandu jieħu d-disinni fl-ordni numeriku li fihom huma rrappreżentati skond l-Artikolu 2(4).

L-Uffiċċju għandu jiddetermina li r-reġistrazzjoni skadiet fir-rigward tad-disinni kollha li għalihom ma tħallsux id-drittijiet ta' tiġdid jew li ma tħallsux id-drittijiet bis-sħiħ.

6. Fejn id-determinazzjoni li saret skond il-paragrafu 5 tkun saret finali, l-Uffiċċju għandu jikkanċella d-disinn mir-Reġistru b'effett mill-għada tal-ġurnata ta' l-iskadenza tar-reġistrazzjoni eżistenti.

7. Fejn id-drittijiet tat-tiġdid previsti fil-paragrafu 2 tħallsu iżda r-reġistrazzjoni ma tkunx iġġeddet, dawk id-drittijiet għandhom jitħallsu lura.

8. Tista' tintbagħat applikazzjoni waħda għat-tiġdid ta' żewġ disinni jew aktar, kemm jekk jagħmlu parti mill-istess reġistrazzjoni multipla u kemm jekk le, mal-ħlas tad-drittijiet mitluba għal kull wieħed mid-disinni, sakemm id-detenturi jew ir-rappreżentanti f'kull każ ikunu l-istess.";

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 22a kif ġej:

"*Artikolu 22a*

**Tiġdid ta' reġistrazzjonijiet internazzjonali għad-denominazzjoni tal-Komunità**

Ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandha tiġġedded direttament fil-Bureau Internazzjonali skond l-Artikolu 17 ta' l-Att ta' Ġinevra.";

(4) Fl-Artikolu 31, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Meta l-Uffiċċju jiddikjara bħala invalidi l-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Komunità; għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Bureau Internazzjonali meta din issir finali.";

(5) Fl-Artikolu 47, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Il-komunikazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-Bureau Internazzjonali għandhom ikunu magħmula b'mod u f'format miftiehma reċiprokament, kull fejn possibbli b'mezzi elettroniċi. Kull referenza għal formoli għandha tiġi interpretata li tinkludi formoli disponibbli fil-format elettroniku.";

(6) Fl-Artikolu 71, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-Uffiċċju għandu jipprovdi informazzjoni dwar reġistrazzjonijiet internazzjonali ta' disinni għad-denominazzjoni tal-Komunità fil-forma ta' link elettroniku għad-*database* għat-tfittix miżmuma mill-Bureau Internazzjonali."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague dwar ir-reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali tidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Komunità Ewropea. Id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Charlie McCREEVY
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 877/2007

## ta' l-24 ta' Lulju 2007

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) wara l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague fir-rigward tar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinni industrijali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-Disinni Komunitarji ([1]), u partikolarment l-Artikolu 107(2) tagħha,

Billi:

(1) Wara l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali adottat fit-2 ta' Lulju 1999 (minn hawn 'il quddiem "l-Att ta' Ġinevra") approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/954/KE ([2]) u l-emendi tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 marbuta miegħu, jeħtieġ li jiġu adottati ċerti miżuri ta' implimentazzjoni dwar id-drittijiet li jridu jitħallsu lill-Bureau Internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali.

(2) L-Artikolu 106c tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 jipprevedi li d-drittijiet preskritti għad-denominazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(1) ta' l-Att ta' Ġinevra jiġu sostitwiti bi dritt ta' denominazzjoni individwali.

(3) L-ammont ta' dak id-dritt huwa stabbilit fid-Dikjarazzjoni dwar is-sistema ta' drittijiet individwali mehmuża mad-Deċiżjoni 2006/954/KE, li saret skond l-Artikolu 7(2) ta' l-Att ta' Ġinevra.

(4) Sabiex tkun żgurata l-flessibilità meħtieġa u biex jitħaffef il-pagament tad-drittijiet, huwa xieraq li r-regoli jikkonformaw mar-regoli applikabbli għad-drittijiet tad-disinni bir-regoli applikabbli għad-drittijiet tat-*trademarks* stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2869/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (i*Trade Marks* u Disinni) ([3]) billi jinżamm l-użu tal-flus kontanti u ċ-ċekkijiet bħala mezzi ta' ħlas.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade Marks* u Disinni) fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' disinni Komunitarji ([4]) għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tad-Drittijiet, ir-Regoli ta' Implimentazzjoni u l-proċedura tal-Bordijiet ta' Appell ta' l-Uffiċċju ta' Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (trade marks u disinni),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2246/2002 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(1) drittijiet pagabbli lil:

(a) l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (minn hawn 'il quddiem l-'Uffiċċju') fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 u r-Regolament (KE) Nru 2245/2002;

(b) il-Bureau Internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali fuq il-bażi ta' l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague dwar ir-reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali adottat fit-2 ta' Lulju 1999 (minn hawn 'il quddiem 'l-Att ta' Ġinevra') approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/954/KE (*);

(2) il-ħlasijiet stabbiliti mill-President ta' l-Uffiċċju.

(*) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 28."

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Id-drittijiet**

1. Id-drittijiet previsti fir-Regolament (KE) Nru 6/2002 u r-Regolament (KE) Nru 2245/2002 li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Id-drittijiet individwali ta' denominazzjoni pagabbli lill-Bureau Internazzjonali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 7(2) ta' l-Att ta' Ġinevra flimkien ma' l-Artikolu 106c tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 u l-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament u l-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2245/2002 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament."

([1]) ĠU L 3, 5.1.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1891/2006 (GU L 386, 29.12.2006, p. 14).
([2]) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 28.
([3]) ĠU L 303, 15.12.1995, p. 33. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1687/2005 (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 14).
([4]) ĠU L 341, 17. 12.2002, p. 54.

(3) F'Artikolu 5, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. Drittijiet u ħlasijiet dovuti lill-Uffiċċju għandhom jitħallsu bl-euro permezz ta' pagament jew trasferiment f'kont bankarju f'isem l-Uffiċċju."

(4) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-data li fiha jitqies li sar kwalunkwe pagament lill-Uffiċċju għandha tkun id-data li fiha proprju jiddaħħal l-ammont tal-pagament fil-kont bankarju ta' l-Uffiċċju.";

(b) Fil-Paragrafu 3, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ingħatat ordni kif jixraq lil stabbiliment tas-servizzi bankarji biex jittrasferixxi l-ammont tal-pagament fi Stat Membru fil-perjodu li fih kellu jsir il-pagament; u".

(5) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1a li ġej għandu jiddaħħal fit-Tabella:

| | |
|---|---|
| "1a. Dritt tad-Denominazzjoni Individwali għal reġistrazzjoni internazzjonali (l-Artikolu 106c tar-Regolament (KE) Nru 6/2002; L-Artikolu 7(2) ta' l-Att ta' Ġinevra - (għal kull disinn) | 62" |

(b) il-punt 11a li ġej għandu jiddaħħal fit-Tabella:

| | |
|---|---|
| "11a. Dritt ta' tiġdid individwali għal reġistrazzjoni internazzjonali (l-Artikolu 13(1) u 106c tar-Regolament (KE) Nru 6/2002; L-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2245/2002 għal kull disinn: | |
| (a) għall-ewwel perjodu ta' tiġdid – (kull disinn) | 31 |
| (b) għat-tieni perjodu ta' tiġdid – (kull disinn) | 31 |
| (c) għat-tielet perjodu ta' tiġdid – (kull disinn) | 31 |
| (d) għar-raba' perjodu ta' tiġdid – (kull disinn) | 31" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague dwar ir-reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali tidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Komunità Ewropea. Id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Charlie McCREEVY
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI Nru 878/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Lulju 2007**

**li temenda u testendi d-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole II)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 280 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-Komunità u l-Istati Membri poġġew l-objettiv għalihom infushom li jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunità, inkluż il-kuntrabandu ta' sigaretti u l-falsifikazzjoni. Għandu jsir użu ta' kull mezz disponibbli sabiex jinkiseb dak l-objettiv, filwaqt li jinżammu kif inhuma d-distribuzzjoni u l-bilanċ attwali tar-responsabbiltajiet bejn il-livell nazzjonali u dak Komunitarju.

(2) Attivitajiet li jkollhom l-għan li jagħtu informazzjoni aħjar, li jwettqu studji u li jipprovdu taħriġ jew għajnuna teknika jgħinu ħafna biex itejbu l-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

(3) L-appoġġ għal dawn l-inizjattivi fil-forma ta' għotjiet ħalaq il-possibiltà' fil-passat li jitjiebu l-attivitajiet tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità', u li jwettqu l-għanijiet previsti fil-Programm Erkole għall-perijodu bejn l-2004 u l-2006.

(4) L-Artikolu 7(a) tad-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' l-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) dwar l-implimentazzjoni tal-programm Erkole u dwar jekk ikunx xieraq li jitkompla. Il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport jiddikjaraw li l-għanijiet stabbiliti mill-programm Erkole ntlaħqu. Ir-rapport jagħmel rakkomandazzjoni li l-programm jiġi estiż għall-perijodu bejn l-2007 u l-2013.

(5) Biex ikunu kkonsolidati l-attivitajiet tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, inkluża l-ġlieda kontra l-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni tas-sigaretti, il-programm il-ġdid għandu jiġbor flimkien l-ispejjeż operattivi kollha relatati ma' l-attivitajiet ġenerali tal-ġlieda kontra l-frodi tal-Kummissjoni (OLAF) f'att bażiku uniku.

(6) L-għoti ta' għotjiet u ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku biex jippromwovi u jimplimenta l-programm għandu jitwettaq skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [4] u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. Huwa xieraq li l-għotjiet operattivi jiġu esklużi mill-programm minħabba li fil-passat dawn ma kinux użati bħala mezz biex jappoġġjaw l-inizjattivi.

(7) L-Istati li qed jaderixxu u dawk kandidati għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-programm Erkole II skond memorandum ta' ftehim li għandu jiġi mfassal skond il-ftehim ta' qafas rispettivi.

(1) ĠU C 302, 12.12.2006, p. 41.
(2) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2007 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2007.
(3) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 9.
(4) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

(8) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza prinċipali, fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura baġitarja annwali,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE hija b' dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Objettivi tal-programm**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju sabiex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità'. Il-programm għandu jissejjaħ il-programm Erkole II (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-programm').

2. Il-programm għandu jippromwovi attivitajiet skond il-kriterji ġenerali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Għandu jikkonċentra fuq l-objettivi li ġejjin b'mod partikulari:

(a) it-titjib tal-kooperazzjoni transnazzjonali u multidixxiplinarja bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-OLAF;

(b) il-bini ta' netwerks fl-Istati Membri, fil-pajjiżi aderenti u fil-pajjiżi kandidati kollha – skond memorandum ta' ftehim – li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattika, filwaqt li jirrispettaw ukoll it-tradizzjonijiet distinti ta' kull Stat Membru;

(ċ) l-għoti ta' appoġġ tekniku u operazzjonali lill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri fil-ġlieda taghhom kontra attivitajiet transkonfinali illegali, li jenfasizza l-appoġġ għall-awtoritajiet tad-dwana;

(d) li, mingħajr ma titnaqqas l-effikaċja operattiva, jinstab bilanċ ġeografiku permezz ta' l-inklużjoni, jekk ikun possibbli, ta' l-Istati Membri, il-pajjiżi li qed jaderixxu u l-istati kandidati kollha – skond memorandum ta' ftehim – fl-attivitajiet iffinanzjati taħt il-programm;

(e) it-tkattir u l-intensifikazzjoni tal-miżuri fl-oqsma identifikati bħala dawk l-aktar sensittivi, b'mod partikulari fil-qasam tal-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni tas-sigaretti."

(2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 1a*

**Attivitajiet**

Il-programm għandu jkun implimentat permezz ta' l-attivitajiet li ġejjin fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, inkluż fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni tas-sigaretti:

(a) għajnuna teknika għall-awtoritajiet nazzjonali permezz ta':

(i) l-għoti ta' għarfien speċifiku, tagħmir u għodda tat-teknoloġija ta' l-informatika (IT) li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni ma' l-OLAF,

(ii) l-appoġġ għal operazzjonijiet konġunti,

(iii) it-titjib fl-iskambji tal-persunal;

(b) taħriġ, seminars u konferenzi li jkollhom l-għan li:

(i) jrawmu għarfien aħjar tal-mekkaniżmi Komunitarji u nazzjonali,

(ii) jagħmlu skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, fil-pajjiżi li qed jaderixxu u fil-pajjiżi kandidati,

(iii) jikkoordinaw l-attivitajiet ta' l-Istati Membri, tal-pajjiżi li qed jaderixxu, tal-pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi terzi,

(iv) ixerrdu l-għarfien, b'mod partikulari dak ta' natura operattiva,

(v) jappoġġjaw attivitajiet ta' riċerka ta' livell għoli, inklużi studji,

(vi) itejbu l-kooperazzjoni bejn il-prattikanti u l-akkademiċi,

(vii) jissensibilizzaw lill-ġudikatura u lill-fergħat oħra tal-professjoni legali għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

(ċ) appoġġ permezz ta':

(i) l-iżvilupp u l-għoti ta' ġabriet ta' data u għodod ta' l-IT speċifiċi li jiffaċilitaw l-aċċess għad-data u l-analiżi tagħha,

(ii) żieda fl-iskambju tad-data,

(iii) l-iżvilupp u l-għoti ta' għodod ta' l-IT għall-investigazzjonijiet u għax-xogħol ta' monitoraġġ u intelliġenza."

(3) L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

**Finanzjament Komunitarju**

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jieħu l-forom ġuridiċi li ġejjin skond ir- Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002:

(a) għotjiet;

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku.

2. Sabiex jikkwalifikaw għal għotja Komunitarja għal attività' maħsuba sabiex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunità', il-benefiċjarji ta' l-għotjiet għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Din l-attività' għandha tkun konformi mal-prinċipji bażiċi ta' l-attività' tal-Komunità' fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità' u tqis il-kriterji speċifiċi stabbiliti fis-sejħiet għal proposti relatati, skond il-prijoritajiet stabbiliti fil-programm annwali ta' għotjiet li jagħti d-dettalji tal-kriterji ġenerali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

3. Il-finanzjament Komunitarju għandu jkopri, permezz tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku jew bl-għoti ta' għotjiet, l-ispejjeż operattivi marbuta ma' l-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

4. L-attivitajiet imwettqa mill-korpi li jistgħu jirċievu finanzjament Komunitarju (Kuntratt ta' akkwist pubbliku jew għotja) taħt il-programm għandhom ikunu taħt l-intestatura ta' azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-miżuri Komunitarji sabiex iħarsu l-interessi finanzjarji u għandhom iwettqu l-objettivi ta' interess ġenerali Ewropew f'dan il-qasam jew objettiv li huwa parti mill-politika ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam."

(4) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 2a*

**Korpi eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju**

Il-korpi li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju taħt il-programm:

(a) l-amministrazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali kollha ta' Stat Membru jew pajjiż barra l-Komunità, kif definit fl-Artikolu 3, li jippromwovu t-tisħiħ ta' l-azzjoni Komunitarja sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Komunità,

(b) l-istituti ta' riċerka u edukazzjoni kollha li kellhom personalità ġuridika għal mill-inqas sena u li huma stabbiliti u joperaw fi Stat Membru jew f'pajjiż barra l-Komunità, kif definit fl-Artikolu 3, u li jippromwovu t-tisħiħ ta' l-azzjoni Komunitarja sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Komunità,

(ċ) il-korpi kollha bla finijiet ta' qligħ li kellhom personalità ġuridika għal mill-inqas sena u li huma stabbiliti jew joperaw fi Stat Membru jew f'pajjiż barra l-Komunità, kif definit fl-Artikolu 3, u li jippromwovu t-tisħiħ ta' l-azzjoni Komunitarja sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

*Artikolu 2b*

**Għażla tal-benefiċjarji**

Korpi intitolati li jirċievu għotja għal attività skond l-Artikolu 2a għandhom jintgħażlu abbażi ta' sejħiet għal proposti, skond il-prijoritajiet stabbiliti fil-programm ta' għotjiet annwali, li jiddettalja il-kriterji ġenerali stabbiliti f' din id-Deċiżjoni. Għotjiet mogħtija għal attività koperta bil-programm għandha tilħaq il-kriterji ġenerali stabbiliti f' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2c*

**Kriterji għall-evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal għotjiet**

L-applikazzjonijiet għal għotjiet għal attivitajiet għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta':

(a) il-konsistenza ta' l-attività proposta f'rabta ma' l-objettivi tal-programm,

(b) il-komplementarjetà ta' l-attività proposta ma' attivitajiet megħjuna oħrajn,

(ċ) il-fattibilità ta' l-attività proposta, jiġifieri l-possibiltà reali li tista' titwettaq bl-użu tal-mezzi proposti,

(d) il-proporzjon bejn spiża u gwadann ta' l-attività proposta,

(e) l-utilità miżjuda ta' l-attività proposta,

(f) id-daqs tal-pubbliku mmirat mill-attività proposta,

(g) l-aspetti transnazzjonali u multidixxiplinarji ta' l-attività proposta,

(h) l-ambitu ġeografiku tal-miżura proposta.

*Artikolu 2d*

**Spiża eliġibbli**

Skond l-Artikolu 2(4), meta tiġi kkalkulata l-għotja, għandha titqies biss l-ispiża meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' l-attività.

Spiża marbuta mal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Balkani li jiffurmaw parti mill-proċess ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni għall-pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk (*), il-Federazzjoni Russa, il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (**), u ċerti pajjiżi li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim għal assistenza reċiproka fi kwistjonijiet doganali, għandha tkun eliġibbli wkoll.

(*) L-Albanija, il-Bosnija u Ħerzegovina, il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja.

(**) L-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Moldova, l-Awtorità Palestinjana, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukraina."

(5) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) għandu jinbidel bit-test li ġej:

"(a) l-istati li qed jaderixxu;"

(b) Il-punti (ċ) u (d) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"(ċ) il-pajjiżi kandidati assoċjati ma' l-Unjoni Ewropea skond il-kundizzjonijiet previsti fil-ftehim ta' assoċjazzjoni jew fil-protokolli addizzjonali tagħhom dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi Komunitarji konklużi jew li jridu jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi."

(6) L-Artikolu 4 għandu jiġi mibdul b' dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni**

Il-finanzjament Komunitarju għandu jiġi implimentat skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002."

(7) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 (b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) 80 % tan-nefqa eliġibbli għal miżuri ta' taħriġ, għal promozzjoni ta' skambju ta' persunal speċjalizzat u għaż-żamma ta' seminars u konferenzi, kemm-il darba l-benefiċjarji jkunu dawk imsemmija fl-Artikolu 2a(a);"

(b) Il-paragrafu 1 (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ċ) 90 % tan-nefqa eliġibbli għaż-żamma ta' seminars u konferenzi, eċċ., kemm-il darba l-benefiċjarji jkunu dawk imsemmija fl-Artikolu 2a(b) u (ċ)."

(ċ) Il-Paragrafu 2 għandu jiġi mħassar.

(8) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 5a*

**Kontrolli u verifiki**

1. Il-benefiċjarju ta' għotja għandu jiżgura li, fejn ikun applikabbli, id-dokumenti ta' prova li jinsabu fil-pussess ta' l-imsieħba jew tal-membri jkunu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' twettaq verifika ta' l-użu li jkun sar mill-finanzjament tal-Komunità jew permezz tal-persunal tagħha stess jew permezz ta' korp estern ikkwalifikat li tagħżel hi. Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu matul il-perijodu ta' validità' kollu tal-kuntratt jew ftehim u għal perijodu ta' ħames snin mill-aħħar pagament. Fejn ikun xieraq, ir-riżultati tal-verifika jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Kummissjoni.

3. Il-persunal tal-Kummissjoni u l-persunal estern awtorizzat mill-Kummissjoni għandu jkollhom drittijiet xierqa ta' aċċess għal siti u bini fejn titwettaq l-azzjoni u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa biex jitwettqu dawn il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-OLAF għandhom igawdu mill-istess drittijiet, speċjalment mid-drittijiet ta' aċċess, bħall-persuni msemmija fil-paragrafu 3.

5. Barra minn hekk, sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u irregolaritajiet oħrajn, il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post taħt dan il-programm skond ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 (*). Fejn ikun meħtieġ, l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-OLAF u għandhom ikunu regolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(*) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
(**) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1."

(9) L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Programm huwa estiż mill-1 ta' Jannar 2007 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013."

(b) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għall-perijodu 2007 sa 2013, għandu jkun ta' EUR 98 525 000."

(10) L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

Il-Kummissjoni (OLAF) għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni annwali dwar ir-riżultati tal-programm. Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar il-konsistenza u l-komplementarjetà ma' programmi u attivitajiet oħrajn fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea.

Sal-31 ta' Diċembru 2010, għandha ssir evalwazzjoni indipendenti ta' l-implimentazzjoni tal-programm, inkluż eżami tar-rendiment u tal-kisba ta' l-objettivi tal-programm.

Sal-31 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni, abbażi ta' data mill-OLAF, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kisba ta' l-objettivi tal-programm."

(11) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 7a*

**Immaniġġjar tal-programm**

Fuq il-bażi ta' analiżi ta' l-effettività fl-infiq, il-Kummissjoni tista' timpjega esperti u tagħmel użu minn kwalunkwe forma oħra ta' għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix dmirijiet ta' awtorità pubblika mogħtija biex isiru minn barra skond kuntratti ta' servizz ad hoc. Hi tista' wkoll tiffinanzja studji u torganizza laqgħat ta' esperti biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm, u tieħu miżuri ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid marbuta b'mod dirett mat-twettiq ta' l-objettivi tal-programm."

(12) L-Anness għandu jitħassar.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Lulju 2007.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | L. AMADO |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Lulju 2007**

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/802/KE dwar laħam tal-majjal minn ħnieżer li tlaqqmu b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment fir-Rumanija**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3418)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/522/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/802/KE tat-23 ta' Novembru 2006 li tapprova l-pjanijiet għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ u t-tilqim ta' emerġenza ta' dawk il-ħnieżer u ħnieżer f'azjendi kontra dik il-marda fir-Rumanija ([2]) kienet adottata sabiex tikkumbatti d-deni klassiku tal-ħnieżer f'dak l-Istat Membru.

(2) L-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni japprova l-pjan imressaq mir-Rumanija quddiem il-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2006 għat-tilqim ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer f'azjendi tal-ħnieżer b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment ("il-pjan approvat").

(3) L-Artikolu 5(ċ) tad-Deċiżjoni 2006/802/KE jistipula li r-Rumanija għandha tiżgura li l-laħam tal-majjal miksub mill-ħnieżer imlaqqma skond l-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni jkun limitat għall-konsum domestiku privat jew għall-forniment dirett, mill-produttur, ta' kwantitajiet żgħar lill-konsumatur finali jew lis-suq lokali fl-istess muniċipalità u ma jintbagħatx lejn Stati Membri oħra. L-Artikolu 5(b) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi l-immarkar speċjali ta' tali laħam tal-majjal.

(4) Il-pjan approvat jipprevedi l-moviment ta' ħnieżer domestiċi minn azjendi mhux professjonisti u tal-laħam tal-majjal, prodotti tal-ħanżir u prodotti sekondarji minn dawk il-ħnieżer huwa pprojbit, minbarra għal konsum tal-familja fl-azjenda ta' oriġini. Fejn xieraq, annimali ħajjin jistgħu jiġu kkummerċjalizzati esklussivament fis-suq lokali.

(5) Fit-3 ta' Mejju 2007, ir-Rumanija ppreżentat lill-Kummissjoni emenda għall-pjan approvat. Il-pjan approvat, kif emendat, jawtorizza, taħt ċerti kondizzjonijiet, il-moviment dirett ta' ħnieżer minn azjendi iżgħar jew mhux professjonisti u, fejn it-tilqima ta' emerġenza b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment twettqet skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2006/802/KE, għand biċċerija li tinsab fl-istess kontea bħal dik ta' l-azjenda ta' l-oriġini jew, jekk ma teżisti l-ebda biċċerija f'dik il-kontea, għand biċċerija li tinsab f'kontea li tmiss magħha.

(6) Barra minn dan, ir-Rumanija talbet deroga temporanja mill-Artikolu 5(ċ) tad-Deċiżjoni 2006/802/KE sal-31 ta' Awissu 2007 sabiex tkun tista' tikkummerċjalizza l-laħam tal-majjal miksub minn dawk il-ħnieżer fil-livell ta' kontea fid-dawl tad-diffikultajiet kbar li qamu sabiex jinstab suq lokali suffiċjenti fil-muniċipalità.

([1]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).
([2]) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 34.

(7) L-emenda għall-pjan approvat u t-talba għal deroga mill-Artikolu 5(ċ) tad-Deċiżjoni 2006/802/KE huma kompatibbli ma' l-għan tal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fir-Rumanija. Minkejja dan, fl-interessi tas-saħħa ta' l-annimali, id-deroga għandha tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijet, b'mod partikolari, il-laħam tal-majjal li qed jitqies għandu jkun immarkat b'marka speċjali sabiex tiggarantixxi traċċabilità sħiħa u ma għandux jintbagħat lejn Stati Membri oħra.

(8) Id-Deċiżjoni 2006/802/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2006/802/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Pjan għat-tilqim ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer ta' ħnieżer f'azjendi b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment**

Il-pjan imressaq mir-Rumanija quddiem il-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2006, kif emendat bl-emenda ppreżentata lill-Kummssjoni fit-3 ta' Mejju 2007, għat-tilqima ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer ta' l-azjendi b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment, fiż-żona kif stipulata fil-punt 4 ta' l-Anness, huwa approvat."

(2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"*Artikolu 5a*

**Deroga mill-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 5(ċ)**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(ċ), ir-Rumanija tista' tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam tal-majjal, miksub minn ħnieżer imlaqqma skond l-Artikolu 4 għas-suq lokali fl-istess kontea bħall-azjenda ta' l-oriġini ta' dawk il-ħnieżer sakemm huwa:

(a) kien irreġistrat fil-biċċerija skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti;

(b) inżamm u nħażen separatament mil-laħam tal-majjal mhux imsemmi f'dan l-Artikolu;

(ċ) mmarkat b'marka speċjali ta' saħħa jew ta' identifikazzjoni li:

(i) hija differenti mill-marki msemmija fl-Artikolu 5(b);

(ii) ma tistax ma tkunx distinta miit-timbru tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2006/779/KE;

(d) jista' jintbagħat biss lil stabbilimenti fi ħdan l-istess kontea bħall-azjenda ta' l-oriġini tal-ħnieżer;

(e) huwa akkumpanjat b'ċertifikat maħruġ minn veterinarju uffiċjali, li jispeċifika l-oriġini, l-identifikazzjoni u d-destinazzjoni tal-laħam tal-majjal.

2. Il-laħam tal-majjal imsemmi fil-paragrafu 1 mhux ser jintbagħat lejn l-Istati Membri l-oħra."

*Artikolu 2*

Il-Rumanija għandha tiżgura li l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni jittieħdu immedjatament u tippubblika dawn il-miżuri. Għandha tgħarraf minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

*Artikolu 3*

L-Artikolu 1(2) għandu japplika sal-31 ta' Awissu 2007.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*